**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 5 ta' Ottubru 2021

Rikors Numru: 142/12 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 418/1981)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-kontendenti izzewgu fil-21 ta' Marzu tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (21.03.1981);*

2. *Illi mill-imsemmi zwieg l-kontendenti kellhom erbat' itfal, illum kollha magorenni;*

---

[1] Fol. 1 – 6.

3. *Illi l-intimat rrenda l-hajja mizzewwga ta' bejn il-kontendenti mpossibbli stante li l-istess intimat huwa hati ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess rikorrenti u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u b'tort unikament ta' l-intimat;*
4. *Illi r-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz tad-digriet apposite ta' dina l-Onorabbli Qorti (Digriet numru 958/12) datat 31 ta' Mejju 2012 hawn anness u mmarkat bhala Dok. GS 1;*
5. *Illi ghalhekk kehha tigi ntavolata dan ir-rikors guramentat.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti qieghda ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u eskluzzivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn ma' l-intimat;*

2. *Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti ghaliha personali filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik r-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li ghandu jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-intimat ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi mantniment minghand ir-rikorrenti;*

3. *Tapplika kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte ta' l-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret ir-rikorrenti u li ddekada mid-dritt li jipperċepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;*

4. *Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl illi l-intimat huwa unikamnt resposnabbli ghas-separazzjoni ersonali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha*

*ta' kull eventwali sentena u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

5. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix u tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-intimat mill-istess dar matrimonjali filwaqt li tordna illi l-istess intimat sabiex jirrilaxxa l-istess dar vakanti favur ir-rikorrenti;*

6. *Taghti kull provvediment xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C B, fejn eċċepixxa:[2]

a. *Illi hu minnu li l-esponent izzewweg lill-attrici rikrrenta fl-21 ta' Marzu, 1981 fejn minn dan iz-zwieg ghandhom erba' itfal li llum hma maggorenni;*

b. *Illi mhu minnu xejn dak allegat mir-rikorrenta li l-esponent hu hati tat-tortijiet indikati fir-rikors promotorju. Illi pjuttost hu kontra tant li dawn sejjer jigu ppruvati, specjalment il-fatt li l-istess rikorrenta ilha timxi sistematikament biex toskura l-esponent b'mod intenzjonat liema intenzjoni malinja hi, issa, kristalizzata f'dawn il-proceduri u proceduri ohrajn, liema haga ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz. Illi qieghed jidher b'mod car li dawn il-proceduri qeghdin iservu bhala paraventu ghat-tortijiet ta' l-istess rikorrenta li b'certa animus qieghda tipprova titfa l-htija taghha fuq l-esponent, biex fost affarijiet ohra qieghda tara kif taghmel biex takkwista, liema haga ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz.*

c. *Illi di piu', jekk iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment dan hu tort ta' l-istess rikorrenta principalment, imma mhux esklussivament, minhabba l-attitudni taghha xejn pjacevoli fejn, fost affarijiet ohra, thobb tipprovoka kontinwament. Illi di piu', l-istess rikorrenta jidhrilha b'mod erronju li had ma jista' ghaliha u tippretendi wkoll li l-afarijiet ghandhom jimxu biss bl-approvazzjoni taghha! Illi fin-nuqqas ir-rikorrenta taghmillek hajtek infern, liema kaz odjern qed iservi ta' mera ta' dan.*

[2] Fol. 17 – 19.

d. *Illi di piu', l-attitudni skifuza u ntollerabbli tar-rikorrenta hi ferm riflessa mit-talbiet ta' l-istess rikorrenta fejn qieghda tipprova timmanuvra b'tali mod biex minghajr ma tikxef xejn konkret, qieghda tipprova timponi kundizzjonijiet li huma l-boghod ferm mill-applikazzjoni tal-principji civili liema haga tiggustifika l-posizzjoni ta' l-istess esponent.*

e. *Illi l-problema ta' l-attitudni xejn pjacevoli ta' l-intimata rikorrenta tant saret impossibbli li b'mod ingust, l-esponent qieghd isofri konsiderevolment tant li r-rikorrenta qieghda timmanipolha wlied il-partijiet ghal skopijiet taghha u bhala konsegwenza qieghda tipprova taghti l-impressjoni li l-pozizzjoni taghha hija wahda ta' 'vittma' meta fir-realta' s-sitwazzjoni hi kontra.*

f. *Illi filwaqt li l-esponent jichad kategorikament l-akkuzi fjakki fil-konfront tieghu s-sitwazzjoni hi ferm kontra fil-konfront tar-rikorrenta liema haga tispjega l-ghaliex hi tant herqana li tissepara mill-itar fis possibli liema haga se tigi ppruvata fil-mori tal-kaz.*

g. *Illi n-nuqqas ta' sincerita f'dawn il-proceduri da parti l-intimata rikorrenta anke testendi ghall-fatt li qed tipprova tizvija l-Qorti liema haga se tigi ppruvata iktar u iktar meta l-itess rikorrenta tghix hajja dubbjuza kif ukoll biex bl-ebda mod l-esponent ma jkollu oportunita' jidhol id-dar matrimonjali biex b'hekk l-intimata rikorrenta tkun libera b'mod assolut.*

h. *Illi f'dan ir-rigward, imma m'hux esklussivament, it-talbiet li jiffavorixxu r-rikorrenta ghandhom jiguu michudin u skartati stante li huma intizi biex jippregudikaw dak dovut lill-esponent kif ukoll biex inessu t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenta li hi, wara kollox ghandha iggorr fis-shih it-tortijiet tal-htija taghha.*

i. *Salv, risposta ulterjuri/eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha ppremetta:[3]

*Peress illi l-partijiet kienu zzewgu fil-21 ta' marzu, 1981 fejn minn dan iz-zwieg*

[3] Fol. 19 – 21.

*ghandhom erbat' itfal (4) li llum huma magorenni.*

*Peress illi l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' tortijiet serji liema tortijiet jinkludu adulterju, minacci, mohqrija, nguriji gravi, eccsszi, theddid u swat, tant li z-zwieg bejn il-partijiet sar impossibbli.*

*Peress illi fost affarijiet ohra l-intimata rikorrenta hi hatja ta' adulterju liema haga tispjega wahda mir-ragunijiet principali l-ghala r-rikorrenta qed tippersegwita kontinwament l-esponent fejn anke rnexxielha s'sissa timmanipula l-ulied l-istess partijiet kontra l-istess esponent fejn minhabba din l-attitudni kapriccuza taghha rnexxielha tohloq stragi b'hajja ntollerabbli.*

*Tghid ghalhekk, l-attrici rikonvenzjonata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'gahndhiex:*

a. *Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata rikorrenta;*

b. *Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;*

c. *Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimata titlef, ukoll bhala konsegwenza kull jedd li ghandha fuq in-nofs l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg imma partikolarment bil-hidma ta' l-esponent;*

d. *Tapplika fis-shih kontra r-rikorrenta l-effetti ta' l-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;*

e. *Tordna li r-rikorrenta thallas l-ispejjez li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali – mill—inqas nofs – u spejjez ohra relatati mal-komunjoni ta' l-akkwisti specjalment minn meta bdew il-proceduri anke mill-bidu u cioe mill-medjazzjoni;*

f. *Illi stante li r-rikorrenta hi kapaci tahdem tordna li thallas manteniment ghall-esponent u tikkundanna wkoll lir-rikorrenta thallas dak il-manteniment li dina l-Onorabbli Qorti taghzel li takkorda f'dan ir-rigward;*

g. *Tikkundanna r-rikorrenta tikkonsenja lill-esponent il-beni kollha parafernali ta' l-esponent u separatament l-esponent jigi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni tieghu. Illi fin-nuqqas tikkundannaha thallas somma li tigi likwidata rapprezentant l-istess proprjeta' parafernali;*

h. *Tiddikjara li l-proprjeta' kollha, partikolarment, imma mhux esklussivament id-dar matrimonjali tigi assenjata u b'hekk okkupata mill-esponent ad eskluzjoni tar-rikorrenta iktar u iktar minhabba t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenta.*

i. *Tawtorizza lill-esponent jirregistra l-eventwali sentenza definittiva fir-regitru pubbliku.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata rikorrenta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni,*

Rat ix-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonat;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, fejn eċċepiet:[4]

1. *Illi l-esponent rikonvenzjonata taqbel ma' l-ewwel talba ta' l-intimat b'dana pero ili l-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni b'tortijiet imputabbli lill-istess intimat rikonvenzjonat li kien hati ta' sevizzi, eccessi, ngurji gravi u abbandun fil-konfront ta' l-esponeni;*

2. *Illi l-esponenti rikonvenzjonata taqbel mat-tieni talba ta' l-intimat rikonvenzjonant;*

3. *Illi l-esponenti rikonvenzjonata taqbl mat-tielet talba ta' l-intimat rikonvenzjonat, b'dana pero ma hemm l-ebda raguni 'l ghaliex l-esponenti ghandha titlef sehemha mill-akkwisti li saru wat iz-zwieg u dan stante li t-tort tas-separazzjoni huma imputabbli biss lil intimat;*

4. *Illi r-raba' talba hija ukoll insostenibbli u ghandha tigi michuda;*

[4] Fol. 22 – 23.

5. *Illi fir-rigward tal-hames talba, l-intimat rikonvenzjonant ghandu jindika l-ispejjez li skond hu, inkorra fid-dar matrimonjali u l-ispejjez konnessi mal-komunjoni ta' l-akkwisti. Illi b'dan pero, l-ispejjez li talvolta setghu saru, saru circa ghoxrin (20) sena ilu ghalliema spejjez l-esponenti kienet ukoll harget sehemha u per konsegwenza, din it-talba ghandha tigi michuda;*

6. *Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda stante li l-intimat rikonvenzjonant ghandu impjieg u dhul tajjeb u kif gja nghad u kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, ttort tas-separazzjoni huma mputabbli unikament lill-istess intimat rikonvenzjonant, u per konsegwenza, l-esponenti m'ghandhiex tigi ordnata thallas manteniment lil zewgha;*

7. *Illi fir-rigward tas-seba' talba ta' l-intimat rikonvenzjonantm l-esponenti tiddikjara illi ma ghandha l-ebda beni fil-pussess taghha li huma parfernali ta' zewgha u ghalhekk ma gandha xejn x'tghaddi lura lil zewgha;*

8. *Illi tmien talba ta' l-intimat rikonvenzjonant ghandha tigi michuda in toto stante li ma hemm l-ebda raguni fil-Ligi 'l ghaliex il-proprjeta tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi assenjata lil intimat ad eskluzjoni ta' l-esponenti;*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavit tal-attriċi rikonvenzjonata u l-kontroezami tagħha;

Rat l-affidavit tal-konvenut, id-dokumenti annessi miegħu, ix-xhieda u l-kontroezami tiegħu;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attriċi u n-nota responsiva tal-konvenut;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ u konsegwentament tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Takkorda manteniment lill-attriċi;

5. Tawtorizza lill-attriċi tgħix ġewwa d-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-konvenut, filwaqt li tordna lil konvenut sabiex jirrilaxxa l-istess dar vakanti favur l-attriċi.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u għan-nota ġuramentata tiegħu, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata

lill-attriċi minħabba ħtijiet imputabbli lilha fosthom adulterju, minaċċi, moħqja, inġurji gravi, eċċessi, theddid u swat;

2. Tapplika kontra l-attriċi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tordna lill-attriċi tħallas l-ispejjez li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali u kif ukoll spejjez oħra relatati mal-komunjoni tal-akkwisti;

5. Takkorda manteniment għall-konvenut;

6. Tordna lill-attriċi tikkonsenja lill-konvenut dawk il-beni kollha parafernali tiegħu sabiex, u fin-nuqqas ta' dan tordna lill-attriċi tħallas s-somma likwidata rapprezentanti l-imsemmija beni parafernali;

7. Tiddikjara u tassenja l-proprjeta' kollha lill-konvenut, sabiex b'hekk din tkun okkupata mill-konvenut innifsu ad eskluzjoni tal-attriċi;

8. Tordna r-reġistrazzjoni tas-sentenza definittva mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku.

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, hemm disgwid kbir bejniethom fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

<u>*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*</u>

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tirrileva illi ltaqgħat mal-konvenut meta kellha sbatax-il (17) sena tramite l-ħabiba tagħha D. L-partijiet damu f'għerusija għal madwar seba' (7) snin, f'liema perjodu l-attriċi tikkontendi illi huma kien

ikollhom ħafna disgwid tant li darba minnhom il-konvenut refa' jdejh fuq l-attriċi. Madanakollu, l-attriċi tgħid li xorta waħda għazlet li tizzewweġ lil konvenut għaliex meta kkonfrontat lil konvenut fuq l-allegat swat, huwa qalilha li kienet ċajta min-naħa tiegħu.

Maz-zwieġ, l-attriċi waqfet taħdem stante li l-kuntratt tax-xogħol tagħha kien wasal biex jagħlaq. Minkejja dan, l-attriċi tallega li min kien iħaddimha kien ċemplilha sabiex tirritorna għax-xogħol, izda ma marritx minħabba li l-konvenut ma kienx ħalliha. Għalhekk, l-attriċi tikkontendi li finanzjarjament hija minn dejjem kienet tiddependi fuqu. Wara li zzewġu, l-konvenut ma kienx qiegħed jgħaddi flus għall-ħajja lill-attriċi, u b'hekk l-attriċi kienet ta' spiss tirrikorri għand ommha sabiex tgħinha fil-flus. Di fatti, skont l-attriċi, it-tilwim ta' bejn il-partijiet kien dejjem minħabba l-flus u l-attriċi tisħaq li ma kienetx tista' tkellem lill-konvenut dwar din il-problema għaliex dlonk kien jerfa' jdejh fuqha. L-attriċi tirrileva li proprju ftit tax-xhur wara z-zwieġ tagħhom l-konvenut beda jerfa' jdejh fuq l-attriċi. L-ewwel darba li għamel dan wara z-zwieġ, l-attriċi tgħid li telqet mid-dar matrimonjali u marret flimkien ma' missierha tagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija, izda meta marret lura d-dar sabiex tiġbor ħwejjiġha jidher li l-konvenut kien ikkonvinċiha tibqa' miegħu.

Meta kien ikollhom it-tilwim bejniethom, l-attriċi kienet ta' spiss titlaq mid-dar matrimonjali u tagħmel zmien tgħix għand ommha minħabba s-swat li kienet taqla' minn għand zewġha. Darba minnhom u waqt li l-attriċi kienet telqet mid-dar matrimonjali, tallega li l-konvenut ħatfilha lil binthom wara li l-attriċi kienet ser tirritorna lura mill-bandli għal għand ommha, u hekk kif l-attriċi pruvat tmur warajh sabiex tieħu lura lit-tifla, huwa nizel mill-karozza u qabad isawwatha. L-attriċi tikkontendi li l-konvenut mar bit-tifla għand ommu u sabiex terġa' tara lit-tifla, l-attriċi kienet kostretta li tirritorna lura mal-konvenut fid-dar matrimonjali.

Minkejja li l-attriċi kienet irritornat lura d-dar wara l-inċident surreferit, fl-affidavit jingħad illi nqas minn xahar wara, il-konvenut kien reġa' refa' jdejh fuq l-attriċi. Fil-fatt l-attriċi tirreferi għal episodju ieħor fejn il-konvenut wasal id-dar kmieni mix-xogħol u ma sabx lill-attriċi għaliex kienet marret tixtri. Minħabba f'hekk il-konvenut beda jinkorla, u peress li l-attriċi kienet taf x'kien ser jiġri, hija telqet tiġri għas-sular ta' fuq. Madanakollu, l-attriċi tallega li l-konvenut mar jiġri warajha, qabadha minn għonqha, nizzilha isfel, u tefahha fuq is-sufan. Peress li l-attriċi intilfet minn sensiha, ma tiftakar xejn iktar.

Episodju ieħor ta' vjolenza fizika msemmi fl-affidavit tal-attriċi huwa meta darba minnhom l-attriċi kienet għadha ġejja mill-quddies, u waħda minn uliedhom kienet tat daqqa ta' siġġu fuq il-*freezer* li kienet għadha kemm tinxtara. Hekk kif il-konvenut induna bid-daqqa, jingħad li refa' jdejh fuq l-attriċi, fejn waħda mid-daqqiet kienet proprju f'għajnejha. L-attriċi tikkontendi li wara dan l-episodju hija kienet marret tagħmel rapport kontra zewġha mal-Pulizija, u wara baqgħat sejra l-emerġenza. Għal darb' oħra l-attriċi marret tgħix għand ommha, u sakemm l-attriċi damet hemm, il-konvenut allegatament biddel is-serratura tal-bieb tad-dar matrimonjali. Minkejja li l-attriċi tisħaq li kienet ċerta li kellha tibda proċeduri għall-firda personali minn ma' zewġha, hija kienet tispiċċa taħfirlu u tirritorna lura d-dar, u dan speċjalment minħabba t-tfal. Tikkontendi ukoll li l-konvent qatt ma refa' jdejh fuq uliedhom li kienu għadhom taħt l-għaxar (10) snin, u meta kienet titlaq mid-dar matrimonjali, hi qatt ma ħadet magħha lil uliedha għaliex ir-residenza ta' ommha kienet zgħira ferm.

L-attriċi tagħti rendikont ta' episodju fejn il-konvenut kellu argument ma' waħda minn uliedhom li dak iz-zmien kellha erbatax-il (14) sena. Hekk kif l-attriċi ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni, l-konvent refa' jdejh fuqha. Binthom ta' erbatax-il (14) pruvat twaqqfu izda dan dahar u sabbatha mal-mejda. Għal darb' oħra, l-attriċi telqet mid-dar, marret tagħmel rapport mal-Pulizija u tirċievi għajnuna minn Ċentru tas-Saħħa.

Minħabba l-biza' li kellha mill-konvenut, l-attriċi kienet tagħmel dak kollu li kien jitlobha l-konvenut. Fil-fatt tgħid li għal ħabta tas-sena 2006, il-konvenut ġielgħa tiffirma sabiex jittiehed *loan* ta' madwar €10,000. Erba' (4) snin wara, il-konvenut ried li jittiehed *loan* ieħor izda l-attriċi rrifjutat peress li l-ewwel *loan* kien għadu ma tħallasx. Dak iz-zmien, l-attriċi kienet għazlet li ma tkellimx iktar lil konvenut u għamlet sena ma tikkomunikax miegħu. Wara ftit taz-zmien li bdew jitkellmu ftit, il-konvenut kien informa lill-attriċi li kien ħa *loan* ta' madwar €3,000. Izda l-konvenut ma kienx qiegħed iħallas il-*loans*. L-attriċi tirrileva li hi kellha xi flus imġemma', liema flus kienu ġejjin minn bejgħ ta' remissa parafernali li kellha l-attriċi, liema flus allegatament intuzaw sbħala garanzija sabiex jagħmlu tajjeb għal-*loan*. Dawn il-flus tal-attriċi spiċċaw sabiex ittiehdu mill-bank minħabba li l-konvenut baqa' ma ħallasx il-*loans*.

L-attriċi ttemm billi tgħid fl-affdavit tagħha illi matul iz-zwieġ, il-konvenut kien dejjem idum barra u jirritorna lura d-dar dejjem wara l-ħdax ta' filgħaxija. Fil-fatt waqt il-kontro-ezami, l-attriċi ddikjarat u kkonfermat mill-ġdid illi *"veru li r-raġel joħroġ barra kmieni filgħodu u jidħol tard bil-lejl. Dejjem raqad id-dar. Fejn ikun ma nafx"*. Fl-istess kontro-ezami, l-attriċi tkompli telabora ukoll fuq is-sitwazzjoni finanzjarja, fejn tgħid illi: *"veru li s-sitwazzjoni finanzjarja ma kinitx tajba ghax lili ghall-ikel kien itini. Jien ħallast il-kontijiet tad-dar mhux hu, ħallihom dejn, Kien itini €160 izda mhux kull ġimgħa għax ġieli kelli ngħaddi bihom tlett ġimgħat u hu jgħidli li ma għandux. Kampajt għax għenitni l-mummy. Ma naċċettax li hu ma għandux flus għax hu panel beater u għandu zewġ jobs u jieħu l-pensjoni"*.[5] Madanakollu kkontendet illi *"ma nafx li r-raġel kellu problema biex in-nies iħallsuh fix-xogħol tiegħu ta' tellar"*. L-attriċi nnegat illi jekk ma jsirx dak li tgħid hi kien jinqala l-inkwiet, izda kkonfermat li kien ikun hemm il-problemi bejniethom meta kien isawwatha l-konvenut, tant illi kien ser joqtolha darbtejn. Madanakollu qalet illi ġieli kienet tgħid lil konvenut li waħda minn uliedhom ma kienetx bintu bijoloġika, izda tirrileva li dan kienet tagħmlu b'ċajta u hu kien konsapevoli ta' dan.

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi pproduċiet ix-xhieda ta' uliedha E F,[6] G B,[7] H B,[8] u I B,[9] fejn kollha iddikjaraw illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma kinietx waħda trankwilla, izda dejjem jiġġieldu u jiġu fl-idejn, u dan minħabba l-problema ta' flus. Madanakollu, iddikjaraw ukoll li huma qatt ma ġew imsawwtha minn missierhom. Barra minn hekk ġew ukoll prodotti numru ta' uffiċċjali tal-Pulizija u ċjoe' PC 31 Mario Farrugia, PC 885 Emanuel Zammit u PC 1067 Mario Spiteri, li ezebew numru ta' rapporti rigward manteniment *pendente lite* u theddid.[10]

*Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Il-konvenut in ezami u fl-affidavit tiegħu jikkonferma li kien ilu f'relazzjoni mal-attriċi għal tmien snin qabel ma zzewġu, fejn ir-relazzjoni tagħhom kienet tajba u għall-ewwel xhur kien kollox ħarir. Madanakollu jammetti u jaqbel mal-attriċi

[5] Fol. 633.
[6] Fol. 355.
[7] Fol. 356.
[8] *Ibid.*
[9] *Ibid.*
[10] Fol. 368 – 369, 373 – 378, 613 – 614.

li matul l-għerusija kien hemm ukoll xi ftit disgwid, li skontu kienu fuq ħmerijiet. Madanakollu, l-konvnut isostni illi l-attitudni tal-attriċi minn zmien l-għerusija sa llum baqgħat l-istess. Nonostante dan jidher li l-partijiet ftehmu li jizzewġu u ħadu d-deċizjoni li jixtru post Raħal il-Ġdid, u hekk kif kien lest, marru jgħixu fih għal madwar sentejn. Konsegwentament l-konvenut jirrileva li l-partijiet xtraw fond ġewwa l-Fgura li serviet bħala d-dar matrimonjali tagħhom.

Il-konvenut jgħid li l-attitudni u l-karattru tal-attriċi huwa wieħed pwerili għal kollox. Jibda sabiex jiddeskrivi lill-attriċi, *"jekk tiltaqa' magħha, għall-ewwel taħsibha mara taz-zokkor imma mbagħad, fil-konversazzjoni magħha, tispiċċa tismagħha tithadded u tqasqas fuq in-nies. (...) hi dejjem taħseb hazin fuq kullħadd u hi biss kapaċi tagħmel it-tajjeb"*. Fl-affidavit tiegħu l-konvenut jagħmel kuntrast bejn il-karattru tiegħu u dak tal-attriċi, fejn jiddeskrivi lilu nnifsu bħala kwiet u jevita l-konfrontazzjoni, filwaqt li l-attriċi tħobb il-konfrontazzjoni, toħloq il-konfrontazzjoni u tbaghti minn għira. Fil-fehma tal-konvenut, uliedhom jibzgħu minn ommhom għaliex huma konsapevoli li kapaċi tivvendika ruħha f'kaz li ma jagħmlux kif tgħid u trid hi. Fil-fatt il-konvenut jgħid li mhux l-ewwel darba li għax ma jkunx għamel ezatt kif riedet l-attriċi, din tal-aħħar kienet tispiċċa tagħmel perjodu ta' zmien ma tkellmux. Għaldaqstant il-konvenut jikkontendi li l-aħjar metodu sabiex izomm il-kwiet kien li jzomm id-distanza minnha u jgħaddi l-ħin ġewwa l-garaxx fil-kwiet jew barra mid-dar. Madanakollu u skont il-konvenut, wara li dan kien jirritorna lura d-dar l-attriċi kienet tgħaddi kummenti bħal *"minn jaf fejn kont"* jew inkella li hu *"bagħal tax-xogħol"*. Il-konvenut jgħid illi *"kont inhossha n-nuqqas ta' kliem ta' hlewwa mill-mara tieghi dejjem indannata sallum b'attitdni ta' sens ta' vendikazzjoni lejn kullhadd"*, fejn il-kliem tagħha ġie deskritt bħala *"xejn pjacevoli, anzi kliem iebes u li jwegga'"*.

Magħdud mal-premess, l-konvenut jallega illi fir-relazzjoni tagħhom *"l-affarijiet iridu jimxu kif trid hi, inkella Alla mieghek"*. Huwa jkompli billi jispjega li minħabba li l-attriċi hija ffissata fuq il-politika, li dwarha l-partijiet ma jaqblux, l-attriċi kienet tagħmel zmien ma tkellimx lill-konvenut jew saħansitra kienet taqbad ħwejjiġha u tmur torqod f'kamra oħra. Barra minn hekk, jikkontendi ukoll li fir-rabja tal-mument, l-attriċi kemm-il darba kienet tindikalu li binthom E ma kienetx it-tifla bijoloġika tiegħu u b'hekk skont il-konvenut, l-attriċi kkommettiet adulterju. Fil-fatt il-konvenut jallega li l-attriċi kemm-il darba kienet tgħid li

għadha tħobb l-ewwel ġuvni li kellha, ċertu J K. Il-kovenut izid ukoll li jekk dak li tgħid hi ma jsirx, din dlonk kienet taqbad u titlaq għand ommha.

Fir-rigward tat-tfal, il-konvenut irrileva li għandhom erbat itfal, kollha maġġorenni. Jisħaq li għamel dejjem li seta' sabiex rabbihom u edukahom. Għal partijiet, l-edukazzjoni ta' uliedhom kienet dejjem il-prijorita'. Jikkonferma li lill-attriċi kien jagħtiha €160 fil-ġimgħa għall-ħajja, filwaqt li hu kien iħallas il-kontijiet kollha, inkluz il-privatijiet tat-tfal.

Il-konvenut jgħid illi minħabba l-karattru u l-attitudni ta' martu, uliedhom kienu jibzgħu minnha tant li kellhom jixhdu kontra tiegħu fil-proċeduri odjerni. Barra minn hekk, fl-affidavit tiegħu l-konvenut jagħti l-verzjoni tiegħu dwar meta ħa lil bintu u mar biha għand ommu. Jgħid li minħabba xi kwistjoni redikola li qamet bejn il-partijiet, l-attriċi kienet marret għand ommha sabiex tizzikah u b'hekk ma setgħax jara lil bintu. Jgħid li sabiex isolvi is-sitwazzjoni, raha fit-triq, waqqaf il-karozza, nizel u ħa lit-tifla u l-attriċi telgħet ukoll fil-karozza. Fil-karozza spiċċaw tlewmu u l-konvenut mar bit-tifla d-dar għand ommu. L-għada ta' dan, l-konvenut jallega li l-attriċi flimkien ma' omhma taw xeba' fil-pubbliku lil oħt il-konvenut L M, għax ħasbu li t-tifla kienet qed izzommha hi. Eventwalment, permezz ta' oħt l-attriċi u r-raġel tagħha, is-sitwazzjoni kkalmat u l-attriċi rritornat lura d-dar.

Magħdud mal-premess, il-konvenut jagħti ukoll il-verzjoni tiegħu rigward l-episodju fejn binthom tat daqqa ta' siġġu fuq il-*freezer*. Il-konvenut jallega li kienet martu li kienet irrabjat ma' binthom u mhux hu. Jisħaq li l-attriċi tikkontradixxi lilha nnifisha, hekk kif fl-affidavit tagħha hi ddikjarat li l-konvenut qatt ma refa' jdejh fuq uliedhom. Anke meta l-attriċi allegat li l-konvenut kellu argument ma' waħda minn uliedhom, il-konvenut jgħid li l-attriċi ma tat l-ebda indikazzjoni dwar liema tifla u dwar xiex. Il-konvenut saħaq illi *"l-argumenti hi taqlagħhom u mhux jien, ghax bilkemm nkun id-dar, haga li tammetti hi stess"*.

Rigward il-finanzi, il-konvenut jgħid li huwa jaħdem ta' tellar u sfortunatament in-nies jagħmluha diffiċli sabiex iħallsuh tas-servizz. Fl-affidavit jammetti illi *"xi kultant ikollna diffikultajiet fir-rigward il-hlas imma jien xorta nissielet. Illi, konsegwenza ta' dan hu li kont għamilt perjodu fejn finanzjarjament, konna ftit hazin"*. Minħabba tali sitwazzjoni, il-konvenut kellu jissellef xi flus mill-bank sabiex ikompli jgħajjex lil familja u jixtri għodda għax-xogħol. Min-naħa l-oħra, l-konvenut jallega li l-attriċi f'dan iz-zmien diffiċli għazlet li xorta waħda ssiefer

ma' oħtha N O, u f'okkazjoni oħra ħadet ukoll lit-tfal fuq btala. Il-konvenut jisħaq illi huwa ma kienx kontra is-safar ta' martu u uliedu, izda ma kellhomx ikunu prijorita' għal dak iz-zmien. Madanakollu l-konvenut irrileva li *"dan l-aġir hu sintomatiku taghha jgifieri jekk tkun komda hi tkun komda kullhadd. (...)*. Magħdud ma' dan, jiġi zvelat ukoll illi minkejja l-problemi finanzjarji li l-partijiet kellhom u l-bzonn ta' flus li kellhom sabiex irabbu, jmantnu u jedukaw erbat itfal, l-attriċi riedet iktar tfal, u filfatt l-konvenut jikkontendi li huma rabbew ukoll b'*fostering* lil P Q, in-neputi tal-attriċi, tramite l-Aġenzija Appoġġ. Fl-affidavit jingħad li l-attriċi kienet wiegħdet lil konvenut li kienu ser jiffosterjaw lil P għal ftit xhur biss, madanakollu t-tifel baqa' magħhom tant li huwa maġġorenni. In ezami, l-konvenut jgħid illi *"l-akbar problema li kellna kienet meta kienet tqila, korriet u waħħlet fija għax min hemm morna għan-nizla. Dan kien xi 2000-2001. Waħħlet fija għax qalet li nkwetajtha għax ma ridtx iktar tfal. Kellna diga e itfal dak iz-zmien u t-tifel ta' ħuha li rabbejna. Imbaghad ivvendikat ruħha miegħi u gabet it-tifel ta' ħuha magħna"*. Jammetti li missier P, jikkontribwixxi finanzjarjament għat-tifel u barra minn hekk, il-konvenuta hija ukoll intitolata għal tip ta' *allowance* tal-*fostering*.

In ezami l-konvenut jiddikjara li qabel il-proċeduri odjerni, kienu nbdew proċeduri oħra.

Sabiex jikkorrabora l-verzjoni tiegħu, il-konvenut ipprezenta numru ta' *screeshots* dwar id-dħul perċepit minnha minn għand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali,[11] u x-xhieda ta' Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.[12]

## *Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

### a. *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi*

[11] Fol. 672 – 673.
[12] Fol. 703 – 705, 714.

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[13] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[14] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[15] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba*

---

[13]Deċi - ża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[14]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[15]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[16] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Q pro. et noe. vs. Jesmond Q**,[17] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[18]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[19]

b. *Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[20] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[21].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. C Scicluna**[22] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern*

[16]**AnJa Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[17]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[18]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[19]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[20] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[21] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[22] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

Wara li ġie stabbilit il-qafas legali, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji hawn fuq imsemmija għal kaz odjern. Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti da parti l-attriċi ma tarax għaliex m'għandhiex tiddeċiedi li z-zwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentament tgħaddi sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll tal-fatt illi l-partijiet fil-prezent ma jgħixux taħt l-istess saqaf u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet jipproduċu zewġ verzjonijiet differenti għaliex iz-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. L-attriċi min-naħa waħda tikkontendi li z-zwieġ tagħha falla stante problemi finanzjarji u vjolenza fizika, filwaqt li min-naħa l-oħra l-konvenut isosstni illi z-zwieġ tagħhom sfaxxa minħabba l-attitudni, l-karattru u d-dominanza tal-attriċi. Jibda sabiex jingħad illi minkejja li fir-rikors ġuramentat tal-attriċi u fil-kontrotalba tal-konvenut, jiġi allegat illi z-zwieġ ta' bejniethom falla ukoll minħabba allegat adulterju da parti z-zewġ partijiet, il-Qorti rat li mill-atti tal-kawza u l-provi mresqa quddiemha, ma hemm xejn li jikkorrabora tali allegazzjonijiet kemm da parti l-attriċi u kif ukoll da parti l-konvenut. Huwa minnu li l-attriċi ttentat tallaċja tali allegazzjoni mal-fatt li zewġha kien jidħol lura d-dar tard bil-lejl. Madanakollu din ir-rabta ma hijiex suffiċjenti sabiex il-Qorti tasal għal konkluzjoni li l-konvenut kellu relazzjoni adultera barra z-zwieġ, u dan speċjalment tenut tal-kont tal-allegazzjoni tal-attriċi li l-konvenut għandu tlett xogħolijiet.[23] B'hekk fil-fehma tal-Qorti, jekk l-allegazzjoni tal-attriċi dwar l-impjiegi tal-konvenut għandha mis-sewwa, huwa bil-wisq probabbli li għalhekk li l-konvenut kien idum ma jidħol lura d-dar u mhux għax huwa infidil lejn martu. Madanakollu, fi kwalunkwe kaz, ma hemm l-ebda prova inekwivoka li tistabilixxi b'mod ċar illi l-konvenut kien adulteruz. L-istess jingħad fir-rigward tal-attriċi. Il-konvenut għazel li minn rajh jasal għal konkluzjoni li martu kellha relazzjoni extra-maritali u dan għaliex kienet tizzikah li binthom il-kbira ma kienetx bintu bijoloġika.[24] Filfatt fl-affidavit tiegħu jgħid illi għal fatt li martu kienet tindika li E ma kienetx bintu, *"dan ifisser li marti qalbitieli w ikkomettiet adulterju!"*,[25] u *"la l-mara ammettiet u ħasset il-ħtieġa kemm-il darba tgħid li E mhux biti allura hi kkommettiet adulterju w għandha tirrispondi ta' għemilha!"*[26] Madanakollu l-Qorti għandha bzonn iktar provi minn hekk sabiex tasal għal konkluzjoni jekk kienx hemm adulterju *o meno* matul iz-

[23] Fol. 633.
[24] Fol. 668.
[25] *Ibid.*
[26] Fol. 669.

zwieġ. Il-konvenut kellu kull fakolta' li jagħmel test ġenetiku sabiex b'hekk jiġi ppruvat jekk l-allegazzjoni tal-attriċi hijiex minnha jew le, izda fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti ma tistgħax tasal għal konkluzjonijiet li wasal għalihom il-konvenut fl-affidavit tiegħu.

Fir-rigward tal-vjolenza domestika fuq il-persuna tal-attriċi, il-Qorti tosserva li z-zewġ partijiet, kif ukoll uliedhom jikkonfermaw illi matul iz-zwieġ kien hemm bosta tilwim u disgwid, liema tilwim beda saħansitra matul l-għerusija. L-attriċi u l-erba' uliedha jikkonfermaw illi t-tilwim kien jiġi segwit bil-ġlied tal-idejn. Fil-fatt il-Qorti qieset il-kliem li juzaw l-erba' aħwa fix-xhieda tagħhom rigward ir-relazzjoni ta' bejn il-ġenituri taghhom: (i) E F, tgħid illi:[27] *"ta' spiss kienu jiġu fl-idejn", "dejjem nafhom jiġġieldu bl-idejn", "kont inkun prezenti meta kienu jiġu fl-idejn u ġieli rajt lil ommi bi tbenġil", "lil missieri qatt ma rajtlu grif", "missieri lilna kien iħobbna wkoll, imdejqa ma kontx u għamel li seta għalina"*, (ii) G B, tgħid illi:[28] *"ommi u missieri qatt ma kellhom relazzjoni tajba u kienu jispiċċaw jiġġieldu", "tbenġil fuq ommi rajt u rajt lil missieri jsawwatha", "lili ma sawwatnix missieri"*, (iii) Jeannette B, tgħid illi:[29] *"bħal kull relazzjoni kienet waħda normali", "kienu jiġu fl-idejn meta kienu jiġġieldu", "fuq ommi kont nara tbenġil u darba sibtha l-isptar bi black eye", "l-edukazzjoni tieghi permez tagħhom ħadtha, dejjem kellna x'nieklu u x'nilbsu", "missieri fuqi qatt ma refa' jdejh"*, (iv) I B,[30] tgħid illi: *"dejjem jiġġieldu kienu, darba fuq oħti l-kbira E u lil ommi taqla' daqqa ta' sieq f'għajnejha u kellha tbenġil f'għajnejha", "dejjem jiġġieldu nafhom", "meta kont tqila missieri wkoll refa jdejh fuqi, kelli 14-il sena dak iz-zmien u kont mort l-YMCA u wara mort id-dar"*. Minn ezami tas-suespost, il-Qorti tinnota li: (i) kollha jitkellmu dwar il-fatt li l-partijiet kienu jiġġieldu ta' spiss dwar il-flus u konsegwentament jiġu fl-idejn, (ii) li l-omm kien ikollha tbenġil, (iii) Sue, G u Jeannette qatt ma ġew imsawtha minn missierhom, (iv) I tallega li missierha sawwatha u li marret il-YMCA, izda prova ta' dan ma ressqitx, u (v) l-inċident tal-*black eye* li fih kienet involuta E, jissemma' minn H u I, madanakollu E ma ssemmi xejn rigward dan l-allegat inċident, (vi) G biss qalet li rat lil missierha jsawwat lil ommha, u li fil-prezent ma titkellimx bosta ma' missierha.

[27] Fol. 355.
[28] Fol. 356.
[29] *Ibid.*
[30] *Ibid.*

Magħdud mal-premess, il-Qorti tevalwa li għalkemm fl-affidavit tagħha u kif ukoll in kontroezami, l-attriċi tallega li bosta mid-drabi kienet tmur tagħmel rapporti lil Pulizija dwar il-vjolenza domestika u kif ukoll tattendi ġewwa Ċentru tas-Saħħa, hija tonqos milli tezebixxi dawn ir-rapporti u kif ukoll ċertifikati mediċi li jivverifikaw l-ġrieħi li soffriet minħabba l-vjolenza domestika da parti zewġha. Jiġi osservat li wara li l-attriċi ħarket lil Kummissarju tal-Pulizja jew rapprezentant tiegħu sabiex jattendi għas-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar l-10 ta' Novembru 2015 bl-intiza li *"jixhed u jipprezenta kopja tar-rapporti kollha li saru minn A B (KI 46256M) kontra C B (KI 573453M)"*,[31] il-Qorti rat li ġew ezebiti biss tlett (3) rapporti li tnejn (2) minnhom jirrigwardaw il-manteniment *pendente lite* u r-rapport l-ieħor kien għamlu l-konvenut fil-konfront tal-attriċi.[32] Dan ifisser li l-verzjoni attriċi hija inverosimili għaliex ma jidhirx minnu li saru rapporti mal-Pulizija kontra l-konvenut, jew li l-Pulizija ma pprezentawx kull rapport li sar mill-attriċi fil-konfront ta' zewġha. Madanakollu l-Qorti tinnota li l-attriċi lanqas ma resqet lil Pulizija sabiex jipprezentaw il-fedina penali tal-konvenut, liema setgħet titfa' iktar dawl fuq il-karattru tal-konvenut, u wisq anqas ma' ħarket lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jipprezenta dawk is-sentenzi li ngħataw kontra l-konvenut.

Nonostante s-suespost u fir-rigward tal-allegata vjolenza, il-Qorti kkunsidrat li l-konvenut fl-ebda waqt ma nnegga b'mod konkret u dirett li l-partijiet kienu jiġu fl-idejn waqt xi tilwima jew li huwa refa' idejh fuq martu. L-unika ħaġa li jgħid il-konvenut fl-affidavit tiegħu sabiex jiddefendi l-pozizzjoni tiegħu hija illi *"l-mara taf li jien raġel tal-familja, tgħid x'tgħid!"*,[33] u li *"l-argumenti hi taqlahhom u mhux jien, għax bilkemm inkun id-dar, ħaġa li tammetti hi stess, tant li anki waqgħet fil-baxx billi ppruvat titfa' dell ikrah fuq l-integrita' tiegħi għax indum ħafna fil-garaxx"*,[34] tant li *"sibt li l-aħjar metodu kien u għadu li nzomm id-distanza minnha w ngħaddi l-ħin tiegħi l-garaxx fil-kwiet u/jew barra mid-dar"*.[35] Min-naħa l-oħra l-Qorti kkunsidrat ukoll il-mod kif il-konvenut jiddeskrivi lillu nnifsu, u ċjoe' kwiet u jevita konfrontazzjoni, filwaqt li jiddeskrivi lil martu bħala persuna li tħobb u toħloq il-konfrontazzjoni, u tuza kliem iebes u li jweġġa'.

---

[31] Fol. 364.
[32] Fol. 368, 369, 373 – 378, 613 – 614.
[33] Fol. 665.
[34] Fol. 670.
[35] Fol. 666.

Wara konsiderazzjoni ta' dan kollu, il-Qorti tara li ma huwiex ikkontestat li l-partijiet kienu jitlewmu u jiġu fl-idejn. Il-Qorti tenfasizza l-frasi jiġu fl-idejn, għaliex din hija l-frazi l-iktar uzatha minn ulied il-partijiet matul ix-xhieda tagħhom, u kienet proprju waħda biss mill-ulied li qalet li rat lil missierha jsawwat lil ommha, li għal tali swat gravi kif allegat mill-attriċi ma ġiet pprezentata l-ebda prova. Fil-fehma tal-Qorti l-frazi jiġu fl-idejn tagħti l-impressjoni illi z-zewġ partijiet kienu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ġlied fiziku, fejn l-partijiet kienu jizvogaw bi vjolenza fizika fuq xulxin kull meta t-tilwim ta' bejniethom jibda jeskala hekk kif ma jibdewx jaqblu fir-raġunamenti tagħhom.

Għaldaqstant, il-Qorti temmen illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet waħda tossika, iddominata minn agressivita'. Il-Qorti ma temminx li l-konvenut huwa daqstant kwiet u kajman daqskemm jixtieq jagħti l-impressjoni lil din il-Qorti. Għalkemm ma huwiex kontestat li l-konvenut kien jidħol lura d-dar tard filgħaxija, ma jfissirx li t-tilwim u s-swat ma setgħux isiru f'tali ħin. Hi x'inhi r-raġuni ta' tilwima, qatt u ħadd ma għandu jdur għal vjolenza domestika, sia jekk din ma tħalli ebda ġrieħi, jew tħalli ġrieħi ħfief jew oħrajn ta' natura gravi. Il-vjolenza domestika fin-natura fizika tagħha ma tistabilixxix is-superjurita' ta' parti waħda minn relazzjoni, izda iktar turi kemm tali persuna hija baxxa li tittenta tiskredita d-dinjita' tal-parti l-oħra bis-swat. Il-fatt li l-konvenut ma nnegax li sawwat lil martu, għal Qorti jfisser ħafna. Persuna li ma tkunx waqgħat għal dak il-livell, tagħmel minn kollox sabiex turi l-innoċenza tagħha u li qatt ma uzat il-vjolenza sabiex tivvalida lilha nnifisha waqt tilwima. Huwa minnu li kien jiddependi mill-attriċi li tipprova l-allegat swat subit minnha, madanakollu u in vista tal-fatt li l-attriċi għal raġuni mhux magħrufa ma resqitx dawk il-provi li normalment jiġu prezentati f'kazijiet li tinvolvi l-vjolenza domestika, il-Qorti tifhem li ġialadarba l-konvenut allega li huwa persuna kwiet, kajman, tal-familja, u ma jħobbx il-konfrontazzjoni, kien jispetta ukoll lilu  li jistabbilixxi kemm dan huwa minnu billi *in primis* jinnega l-allegazzjonijiet vvantati mill-attriċi u *di piu'* jikkorrobora l-allegazzjoni tiegħu dwar il-karattru tiegħu stess billi jipproduċi l-fedina penali tiegħu sabiex b'hekk jerradika kwalunkwe dubju li l-Qorti jista' jkollha f'dan ir-rigward.

Fin-nuqqas ta' provi oħra, ix-xhieda ta' ulied il-partijiet hija kruċjali għal din il-kawza. Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut saħaq li l-ulied ġew irrikatati minn ommhom u b'hekk spiċċaw sabiex xehdu kontra tiegħu. Għalkemm dan jista' jkun minnu, il-Qorti temmen ukoll illi x-xhieda ta' ulied il-partijiet kienet

bilanċjata fejn ddikjaraw dak li raw u esperjenzaw, li jinkludi kemm it-tajjeb u kif ukoll il-ħazin tal-konvenut. Il-Qorti ma hijiex f'pozizzjoni li tiddetermina l-gravita' u s-severita' tal-vjolenza fizika subita mill-attriċi, u dan għaliex ma ġewxipprezentati l-provi neċessarji. Lanqas ma tista' tasal għal konkluzjoni li huwa minnu li l-konvenut ttenta joqtol lill-attriċi minn tal-inqas darbtejn hekk kif allegat mill-attriċi, jew li heddida. Għaldaqstant filwaqt li l-Qorti ma tistgħax issib lil konvenut ħati għal eċċessi, minaċċji u theddid, madanakollu ssibu ħati ta' moħqrija u offizi gravi fil-konfront tal-attriċi.

F'dan l-istadju, il-Qorti sejra tapprofondixxi l-evalwazzjoni tagħha u tanalizza l-għeruq tal-problema ezistenti bejn il-partijiet li finalment, fil-fehma tagħha, setgħat ikkontribwixxiet u konsegwentament tat lok għat-tilwim li wassal għal vjolenza domestika. L-attriċi tallega li apparti s-swat, l-ilment taghha jirrivolvi dwar in-nuqqas ta' flus. Min-naħa l-oħra l-konvenut jallega li l-problemi ta' bejnu u martu kienu jinqalgħu minħabba l-karattru tagħha.

Il-Qorti ser tibda sabiex tevalwa l-kwistjoni tal-flus, u jekk din setgħetx twassal lil konvenut sabiex ikun xħiħ mal-attriċi, liema xeħħa tiġi kklasifikata bħala moħqrija. L-attriċi tikkontendi li *"veru li s-sitwazzjoni finanzjarja ma kinitx tajba ghax lili ghall-ikel kien itini. Jien hallast il-kontijiet tad-dar nhux hu, hallihom dejn. Kien itini €160 izda mhux kull ġimgħa ghax ġieli kelli ngħaddi bihom tlett ġimgħat u hu jgħidli li ma għandux. Kampajt għax għenitni l-mummy. Ma naċċettax li hu ma għandux flus għax hu panel beater u għandu zewġ jobs u jieħu pensjoni. Għandu l-garage u jieħu n-nies l-ajruport. Issa sirt nad biha din. Veru li kellu jissellef mill-Bank of Valletta pero ma nafx għaliex u naf li kellu jtihom lil wieħed".*[36] Min-naħa l-oħra, fl-affidavit tiegħu l-konvenut,[37] jammetti li kellu problemi finanzjarji għaliex mhux kull persuna li kienet tieħu servizz minn għandu kienet tħallsu mill-ewwel. Madanakollu jiċħad li qatt ħalla lil familtu nieqsa mill-ikel, u jikkontendi li kien iħallas il-kontjiet u li dejjem ipprovda għall-edukazzjoni ta' uliedu. Barra minn hekk, il-konvenut jilmenta li dak li jinteressa lil martu kien li tkun komda hi, u kienet tipprijoritizza ċertu affarijiet li ma kellhomx ikunu prijorita' u b'hekk kienet tippretendi li kien jagħtiha l-flus meta u kemm trid hi, meta dan ma setgħax ikun. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ezaminat ukoll ix-xhieda ta' bint il-partijiet E u Jeannette, li kkorraboraw il-verzjoni tal-konvenut, u dan billi fix-xhieda tagħhom iddikjaraw illi *"missieri lilna kien*

[36] Fol. 633.
[37] Fol. 664 – 672.

*iħobbna ukoll. Imdejqa ma kontx u għamel li seta għalina",*[38] u " *l-edukazzjoni tieghi permezz tagħhom ħadtha, dejjem kellna x'nieklu u x'nilbsu",* rispettivament.[39]

F'diversi sentenzi tal-Qrati fosthom, **Speranza Salerno vs. Giuseppe Salerno**,[40] ġie ritenut: *"che l'avarizia quando e portata agli eccessi puo essere cagione di continue ad incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale".* Magħdud ma' dan u b'referenza għas-sentenza **Cine Bonello pro. et noe. vs. John Bonello**,[41] jingħad illi *"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".*

F'dan il-kuntest il-Qorti ma temminx li l-konvenut kien xħiħ ma' martu, liema xeħħa waslet għal moħqrija fil-konfront tagħha. Minkejja li l-attriċi saħqet li hi dejjem kampat għaliex kienet tgħinha ommha finanzjarjament, din l-allegazzjoni ma ġietx ippruvata, lanqas bix-xhieda tat-tfal. Il-Qorti tara li ma huwiex ikkontestat illi l-familja B kellha problemi finanzjarji, u minħabba tali problema kien ikun hemm il-ġlied bejn il-partijiet. Madanakollu, l-attriċi stess ikkonfermat illi l-konvenut kien jagħtiha l-flus għal ħajja, liema s-somma allegatament kellha tgħaddi biha għal tlett (3) ġimgħat għaliex ma kienx ikollu flus fuqu. Min-naħa l-oħra l-konvenut jisħaq li kien jagħti lil martu s-somma ta' €160 fil-ġimgħa, filwaqt li kontijiet u privatijiet tat-tfal kien iħallashom hu. Il-Qorti osservat li mill-atti ma jirrizultax bi provi sodisfaċjenti dwar kemm u l-frekwenza ta' flus li l-konvenut kien jgħaddi lill-attriċi għal ħajja. Madanakollu mill-*istatements* bankarji jidher ċar li l-familja B ma kienetx nieqsa minn affarijiet baziċi u dan bħal ma kkonfermaw E u Jeannette fix-xhieda tagħhom. Fil-fatt huwa bizzejjed jekk wieħed iħares lejn kont bankarju in partikolari,[42] u jsib li matul is-snin saru diversi transazzjonijiet minn għand diversi ħwienet bħal: (i) Carters Supermarket,

---

[38] Fol. 355.
[39] Fol. 356.
[40] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1933, Vol. XXVIII F p.44, kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP).
[41] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta` Novembru 1999, kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP).
[42] Vide l-kont bankarju mal-Bank of Valleta plc, intestat b'mod konġunt fuq il-partijiet, bin-numru 40013065474, a fol. 253 – 279, 445 – 477.

(ii) Chain Supermarket, (iii) Pavi Supermarket, (iv) Lidl, (v) Miracle Foods, (vi) Eurosport, (vii) Myoka, (viii) Mambra Eletronics, (ix) B4 Textiles, (x) A to Z Eletronics, (xi) Tip Toes, (xii) Terranova, (xiii) Melita, (xv) Go Mobile, (xvi) Vodafone, (xvii) Mothercare, (xviii) numru ta' spizeriji, u (xix) Virtu Ferries Ltd, fost oħrajn. Barra minn hekk, f'dan il-kont partikolari kienu jidħlu ukoll numru ta' benefiċċji soċjali, inkluz l-*Allowance* tat-tfal. Għaldaqstant il-Qorti temmen illi għalkemm kien hemm problemi finanzjarji, il-familja B ma kienetx nieqsa minn affarijiet baziċi ta' kuljum, b'mod partikolari ikel, xorb u ilbies. Jista' jagħti l-kaz li l-familja in kwistjoni ma għixux fil-lussu, imma ma jirrizultax lil Qorti li l-familja B għexet fil-faqar. Mill-*istatements* bankarji jirrizulta ċar x'kien jinxtara matul iz-zmien li kienu għadhom flimkien il-partijiet, u b'hekk il-verzjoni tal-attriċi hija inverosimili. F'dan ir-rigward il-Qorti hija bil-wisq iktar konvinta bil-verzjoni tal-konvenut u dan b'referenza speċifika għal fatt li fi zmien meta kien hemm problemi finanzjarji l-attriċi għazlet li xorta waħda ssiefer. Dan qiegħed jingħad għaliex mill-*istatements* bankarji jidher illi saret transazzjoni ta' LM154 (ekwivalenti għal €360) bħala ħlas lil Virtu Ferries u dan nhar l-14 ta' Mejju 2005.[43] Għalkemm l-konvenut ma semma xejn dwar id-destinazjoni jew il-perjodu li fih sifret l-attriċi, il-Qorti temmen li l-konvenut kien qiegħed jirreferi għal din il-mawra sa Sqallija.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta li kien hemm problemi finanzjarji li setgħu kkontribixxew sabiex ikun hemm iktar tilwim bejn il-partijiet, imma l-probabilita' hi li l-attriċi riedet iktar flus f'idejha sabiex ikollha x'tonfoq f'kapriċċi, għaliex hekk kif tammetti hi stess *"lili għall-ikel kien itini"*.[44] Barra minn hekk, l-attriċi tallega illi *"jien ħallast il-kontijiet tad-dar"*. Madanakollu l-Qorti ssaqsi, jekk l-attriċi ma kienetx tinsab f'impjieg, minn liema flus ħalset dawn il-kontijiet? Mill-atti ma jirrizulta li hemm l-ebda prova li dawn ħallsithom hi, u dan tenut kont tal-fatt li l-uniku introjtu kien dak tal-konvenut u l-benefiċċji soċjali perċepiti kienu jappartjenu liz-zewġ partijiet bi kwota indaqs. Magħdud ma dan, il-Qorti tinnota l-verzjoni kontradittorja tal-attriċi stess, hekk kif f'ħin minnhom tammetti li *"veru li s-sitwazzjoni finanzjarja ma kienetx tajba",* filwaqt li fin-nifs ta' wara tgħid li *"ma naċċettax li hu m'għandux flus għax hu panel beater u għandu zewġ jobs u jieħu l-pensjoni"*.[45] Ġialadarba l-konvenut ħa zewġ *loans* mill-bank, ma hemm l-ebda dubju li kien hemm problema ta' flus.[46]

[43] Fol. 254.
[44] Fol. 633.
[45] *Ibid.*
[46] Fol. 243 – 252.

Madanakollu, ma hemm l-ebda prova li l-konvenut kien jaħqar lill-attriċi billi ma jagħtijiex flus, anzi hemm ammissjoni li tgħid il-kuntrarju. Fl-aħħar nett, il-Qorti tissottometti ukoll illi anke f'kaz ta' sitwazzjoni finanzjarja prekarja, l-attriċi setgħet dejjem toħroġ taħdem. Minkejja li l-attriċi tgħid li zewġha ma ħallijihiex tmur taħdem, ma hemm l-ebda prova dwar dan, u tal-inqas il-Qorti kienet tistenna li jsiru xi domandi lil konvenut rigward dan.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tirrileva illi anke jekk mill-atti jirrizulta li l-konvenut kien persuna vjolenti fuq il-persuna tal-attriċi, izda mhux fix-xeħħa, dan ma għandux ifisser li l-attriċi hi nieqsa minn kull ħtija. Kif premess iktar 'il fuq f'din is-sentenza, huwa stat ta' fatt li l-attriċi ħassitha nieqsa mill-flus u b'hekk kien jinqala' tilwim bejn il-partijiet tant li kienu jispiċċaw fl-idejn. Hekk kif il-Qorti waslet għal konkluzjoni li l-konvenut uza l-vjolenza fizika kontra martu, il-Qorti hija moralment konvinta li l-attriċi kienet twassal lil konvenut għal dan l-istat bil-provokazzjonijiet tagħha. Jibda sabiex jingħad illi bħalma hi krudili l-vjolenza fizika, hija daqstant ieħor kerha l-vjolenza verbali u mentali. Il-Qorti kkunsidrat li l-attriċi tinnega dak li allega l-konvenut u ċjoe' *"mhux veru li jekk ma jsirx kif ngħid jien jgħarralu"*.[47] Madankollu l-Qorti ma tinsabx ferm konvinta bid-dikjarazzjoni tal-attriċi u waslet għall-konvinċiment tagħha li l-attriċi kienet tħobb tittormenta u tipprovoka lill-konvenut bi kliemha u għemilha. Fil-fatt il-Qorti ssib ferm disturbanti li persuna tgħid lil zewġha li binthom ma hijiex bijoloġikament tiegħu u dan bl-intiza li tiċċajta miegħu. Dan tikkonfermah l-attriċi stess fil-kontroezami tagħha fejn qalet li *"b'ċajta għidtlu li t-tifla mhux bintu. Jaf li b'ċajta kont ngħidu dan"*.[48] Madanakollu dan mhux ċajt divertenti, izda wieħed provokattiv li jista' jħawwad l-imħuħ u jkisser kull fiduċja u stima li jkun hemm f'rapport bejn zewġ mizzewġin. La l-attriċi kienet kapaċi tasal sa dan l-istat, il-Qorti ma tiskantax li kienet kapaċi tipprovoka lil konvenut b'iktar kliem u modi minn tagħha, hekk kif elenkati fl-affidavit tiegħu.

Magħdud mal-premess, il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tar-rapport ezebit minn PC 885 Emmanuel Zammit,[49] liema rapport sar mill-konvenut nhar is-16 ta' Diċembru 2011, fejn iddikjara mal-Pulizija li martu hedditu sabiex ma jersaqx lejn id-dar, għaliex jekk jagħmel hekk, din kienet ser toqtlu. Mill-imsemmi rapport jidher ċar li kien inqala' disgwid fuq il-flus tal-attriċi li kienet għamlet bħala garanzja għal-*loan* li kien ħa l-konvenut mal-Bank of Valletta plc u in vista

[47] Fol. 630.
[48] Fol. 631.
[49] Fol. 375 – 378.

li l-konvenut ma kienx qiegħed iħallas il-pagamenti tal-*loan* lura, il-Bank kienu avzaw lill-attriċi li kienu ser jieħdu flusha. Jidher li l-Pulizija għamlu kuntatt mal-attriċi sabiex jieħdu l-verzjoni tagħha, fejn din ċaħdet l-allegazzjoni tal-konvenut u rrapportat mal-Pulizija li hi qalet lil konvenut li kienet se tneħħilu ħwejġu mid-dar matrimonjali u għal dan il-kliem il-konvenut heddidha li jekk tagħmel dan kien ser jagħtiha daqqa ta' ħadida, liema allegazzjoni ġiet miċħuda mill-konvenut. Il-Pulizija akkumpanjat lil konvenut lura d-dar matrimonjali fejn il-partijiet ġew mitkellma mill-Pulizija, fejn avzawhom li t-tnejn li huma għandhom aċċess għad-dar matrimonjali. Fl-atti odjerni ma hemm l-ebda prova dwar jekk il-Pulizija mexxietx kontra z-zewġ partijiet, hekk kif imnizzel fl-istess rapport.

Madanakollu, jekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li l-konvenut huwa vjolenti fir-rigward ta' martu, daqstant ieħor din il-Qorti għandha raġunijiet serji u validi sabiex temmen li l-attriċi tista' tkun aggressiva u provokanti fil-konfront ta' zewġha. Mir-rapport in kwistjoni, jidher li l-attriċi kkonfermat li kellmet lil zewġha izda sempliċiment innegat li hedditu. Għalkemm din il-Qorti ma tistgħax tikkonkludi jekk dan it-theddid kienx minnu, pero jidher ċar u dan minn kliem l-attriċi stess, illi hi pprovokat lil konvenut billi qaltlu li ser tneħħilu ħwejġu mid-dar matrimonjali. Il-Qorti taf ben preċiz illi mingħajr l-awtorita' tagħha, l-attriċi ma kellha l-ebda seta' jew dritt li tagħmel dan, izda bi kliem ta' dan it-tip, il-Qorti temmen li l-attriċi kienet qiegħda tipprova tagħmel minn kollox sabiex tipprovoka lill-konvenut ħalli jinkorla u jitlef ir-raġuni, biex b'hekk l-attriċi tispiċċa l-vittma f'idejn il-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti din ma hu xejn ħlief manipulazzjoni u b'hekk issib lil attriċi ħatja ta' moħqrija u nġurji gravi.

Il-Qorti tinsab konvinta li bejn il-partijiet ma kienx hemm kompatibbilita' ta' karattru. L-attriċi b'attitudni provokattiva u manipulattiva, bil-konsegwenza li l-konvenut jinkorla u jisfa' jerfa' jdejh fuq l-attriċi. Il-Qorti tinsab konvinta li l-għaġir u l-kliem tal-attriċi kienu jumiljaw u jinkorlaw lill-konvenut. Il-fatt li l-partijiet kienu jitlewmu ta' spiss dwar il-flus juri li minkejja l-isforzi tal-konvenut, il-ħidma tiegħu qatt ma kienet bizzejjed jew apprezzata mill-attriċi u dan a kuntrarju tal-ulied. Mill-atti jidher ċar li l-problema finanzjarja kienet iddejjaqha bil-bosta lill-attriċi, u dan minkejja li kellha saqaf fuq rasha, ikel għaliha u għal uliedha, u ħwejjeġ fuq daharha. Minkejja li l-konvenut kien *self employed*, ma jfissirx li kellu bilfors jaqla' ħafna flus. Il-Qorti bil-wisq tissuspetta li l-attriċi kienet tħoss u tara lil zewġha bħala bniedem fallut, għaliex ma kienx

kapaċi jieħu ħsieb *business* u lilha ma kienx jagħtiha flus kemm riedet hi izda dejjem bil-qies. Konsegwentament l-attriċi kienet tispiċċa tneħħi l-frustrazzjoni tagħha dwar il-qagħda finanzjarja billi tipprovoka lil konvenut fejn jispiċaw jiġġieldu u jagħtu bl-idejn. Nonostante r-raġuni għaliex il-konvenut kellu dawn il-problemi finanzjarji, il-Qorti tinsab sodisfatta li l-konvenut dejjem ipprovda għal familtu, filwaqt li l-attriċi baqgħat id-dar trabbi, tindokkra u teduka lil uliedhom sabiex dawn ma jkun jonqoshom xejn. Barra minn hekk, il-Qorti kkunsidrat ukoll li għal raġuni mhux magħrufa u a kuntrarju tal-konvenut, l-attriċi la ssemmi u lanqas ma tikkumenta dwar il-*fostering* tan-neputi tagħha P Q, u lanqas rigward ix-xewqa tagħha li jkollha iktar tfal. Minkejja li dawn iz-zewġ kwistjonijiet setgħu jixħtu iktar dawl fuq ir-relazzjoni tal-partijiet, dan ma seħħx u b'hekk il-Qorti tqishom.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante vjolenza fizika da parti l-konvenut fuq il-persuna tal-attriċi u vjolenza verbali u emozzjonali da parti l-attriċi fil-konfront tal-konvenut, liema vjolenza *in toto* tammonta għal moħqrija u inġurji gravi fil-konfront taz-zewġ partijiet, bil-konsegwenza li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għandhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dana illi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ hija attribwibbli liż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut u l-Attriċi:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attriċi.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*[50]

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' danil-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".*

L-Artikolu 51 jistipula:

*"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."*

L-Artikolu 52 jistipula:

*"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda."*

---

[50] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Fil-każ odjern, iz-zewġ partijiet huma ħatja ta' moħqrija u nġuriji gravi, fejn il-konvenut instab ħati ta' vjolenza fizika, filwaqt li l-attriċi instabet ħatja ta' vjolenza verbali u emozzjonali. Fuq talba tal-apartijiet sabiex japplikaw fil-konfront ta' xulxin l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* iċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi, ser tgħaddi sabiex tuza d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba attriċi u kif ukoll it-talba tal-konvenut billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront taz-zewġ partijiet.

## 4. Manteniment lill-Attriċi u l-Konvenut:

Kemm l-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha u kif ukoll il-konvenut fil-kontrotalba tiegħu, jitolbu sabiex jingħataw manteniment xieraq minn għand il-kontroparti. Madanakollu u in vista li l-Qorti applikat is-sanzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront taz-zewġ partijiet, ai termini tal-Artikolu 48(1)(d) tal-Kodiċi Ċivili, iz-zewġ partijiet tilfu d-dritt li iġġiegħlu lil xulxin li jagħtu l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ. Għaldaqstant l-Qorti tiċħad it-talba tal-attriċi u tal-konvenut f'dan ir-rigward.

## 5. It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar il-21 ta' Marzu 1981, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

### a. *<u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

### b. *<u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

<u>Fir-rigward ta' proprjeta' u/jew dar matrimonjali</u>, il-Qorti rat li d-dar matrimonjali bl-isem *'Gloria, Triq Ċensu Busuttil, Fgura'* u kif ukoll il-garaxx

adjaċenti bin-numru 31 u bla isem, konness u aġġjunt mal-istess dar, ġew mibjugħa fil-mori tal-kawza nhar it-8 ta' Novembru 2018, permezz ta' kuntratt li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Maria Georgakopoulos.[51] Id-dar matrimonjali nbiegħet versu l-prezz ta' tlett mitt elf (€300,000). Mix-xhieda tal-konvenut jiġi spjegat illi r-rikavat tal-bejgħ inqasam bejn il-partijiet fejn il-konvenut ħa s-somma ta' €144,000, filwaqt li l-attriċi ħadet sehemha ta' €156,000 li tinkludi sehem l-attriċi mill-bejgħ tad-dar matrimojali, ċjoe' €150,000, u kif ukoll is-somma ta' €6,000 rapprezentanti flus li kienet selfet lil konvenut.[52] Għaldaqstant kwalsiasi pretensjoni li kien hemm mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut, illum ġiet sorvolata. Filfatt dan ġie kkonfermat mill-attriċi stess, hekk kif l-Avukat tal-konvenut saqsiha *"Issa apparti mill-€150,000 inti qed tgħid ukoll li ħadt somma addizzjonali ta' €6,000?"*, fejn l-attriċi wieġbet *"Iva"*, u l-Avukat tal-attriċi reġa' saqsa *"Jiġifieri inti ħadt €156,000?"*, u mill-ġdid l-atriċi wieġbet fl-affermattiv.[53] Apparti d-dar matrimonjali u l-garaxx in kwistjoni, fl-atti ta' din l-kawza ma tissemma' l-ebda proprjeta' oħra jew prova tal-istess.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, il-Qorti rat li l-partijiet għandhom numru ta' kontijiet fuq isimhom izda f'dan l-istadju ma jidhirx li fadal kontijiet konġunti għaliex dak li kien hemm ġew magħluqa. Il-Qorti tara li l-kontijiet in kwistjoni jvarjaw bejn *savings accounts*, *credit cards* u *current accounts*, u dawn mal-banek Bank of Valletta plc u HSBC Malta plc.[54] Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li huwa idoneju illi l-partijiet jzommu dawk il-kontijiet li huma ntestati fuq isimhom, u jekk jirrizulta li hemm kontijiet konġunti dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-ammonti jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Magħdud mal-premess, il-konvenut jitlob lil Qorti sabiex tordna lill-attriċi tħallas l-ispejjez li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali – mill-inqas nofs – u spejjez oħra relatati mal-komunjoni tal-akkwisti specjalment minn meta bdew il-proceduri anke mill-bidu u ċjoe mill-medjazzjoni. Minkejja tali talba, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova rigward dawn l-ispejjez.

[51] Fol. 707 – 713.
[52] Fol. 692 – 705.
[53] Fol. 700 – 701.
[54] Fol. 31, 243 – 335, 379 – 487 bħala *statements* bankarji tal-Bank of Valletta plc, Fol: 32 – 242, 488 – 612 bħala *statements* bankarji tal-HSBC Bank Malta plc.

## 6. Beni Parafernali:

Fil-kontrotalba tiegħu, l-konvenut jitlob lill-attriċi tirrestitwilu l-beni parafernali tiegħu jew fin-nuqqas ta' dan tiġi likwidata somma li għandha titħallas mill-attriċi lil konvenut. F'dan ir-rigward il-konvenut jelenka li kellu deheb parafernali li kien jappartjeni lil ommu, liema deheb kien jinsab f'kexxun ta' skrivanija ġewwa d-dar matrimonjali, liema kexxun kien jinfetaħ biċ-ċavetta, li kopja tal-imsemmija ċavetta kellhom biss il-partijiet. Fix-xhieda tiegħu, il-konvenut jallega li d-deheb li ħadet l-attriċi kien jikkonsisti fis-segwenti: *"kien hemm xi ġizirana, xi ċappetta, ċrieket, arloġġ tad-deheb Bulova, li kien tahuli missieri"*.[55]

Il-Qorti kkunsidrat li minkejja tali allegazzjoni, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li dan id-deheb kien jezisti, li kien jappartjeni lilu, u wisq anqas ma tella' lill-attriċi tixhed dwar l-istess. Fin-nuqqas ta' provi li jikkonfermaw l-allegazzjoni vvantata mill-konvenut, il-Qorti ma tistgħax tilqa' t-talba tal-konvenut sabiex jiġi restitwit id-deheb in kwistjoni jew li tiġi likwidata somma li għandha titħallas lilu mill-attriċi. Għaldaqstant it-talba tal-konvenut ser tiġi miċħuda.

## 7. Dar Matrimonjali:

Kemm l-attriċi, kif ukoll il-konvenut, talbu lil Qorti tawtorizzahom jgħixu fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-parti l-oħra. In vista tal-fatt li d-dar matrimonjali llum hija mibjugħa, il-Qorti ma tarax li għad hemm lok għal kunsiderazzjoni ta' din it-talba u llum il-partijiet qegħdin joqgħodu band' oħra.

## DEĊIDE:

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

[55] Fol. 668.

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u dik rikonvenzjonali, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dana illi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ hija attribwibbli liż-żewġ partijiet b'mod ugwali; Tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 418/1981, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tiċħad it-tieni talba attriċi u s-sitt talba rikonvenzjonali fir-rigward tal-manteniment dovut lill-partijiet;

3. Tilqa' it-tielet talba attriċi u r-raba' talba rikonvenzjonali, u tapplika *in toto* fil-konfront taz-zewġ partijiet is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, u tipprosegwi billi tiddikjara li z-zewġ partijiet iddekadew minn kwlasiasi dritt li jitolbu jew jipperċepixxu manteniment minn għand xulxin;

4. Tilqa' ir-raba' talba attriċi, kif ukoll it-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali, billi xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet, b'dan ill d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tal-ħames (5) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-*Akkwisti'; madanakollu tastjeni milli tiddeċiedi rigward in-nomina ta' nutar u kuratur f'dawn il-proċeduri skont l-istess talba tal-attriċi;

5. Tastjeni milli tiddeċiedi l-ħames talba attriċi u it-tmien talba rikonvenzjonali, in vista tal-fatt li l-mertu tal-imsemmija talba huwa ormai ezawrit hekk kif il-proprjeta' li kienet tifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti llum ġiet mibjugħa lil terzi;

6. Tiċħad is-sitt talba attriċi hekk kif ma hemm l-ebda provvediment ieħor li fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tista' tagħti;

7. Tiċħad il-ħames talba rikonvenzjonali tal-konvenut rigward l-ispejjez imsemmija;

8. Tiċħad is-seba' talba rikonvenzjonali tal-konvenut rigward il-beni parafernali;

9. Tilqa' id-disa' talba rikonvenzjonali u tordna li s-sentenza odjerna tiġi reġistrata mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku.

L-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati miz-zewġ partijiet fi kwoti indaqs bejniethom.